MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## MARIO SCERRI

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2011

Talba Numru. 21/2008

Joseph u Josephine konjugi Curmi

vs

Anthony u Maria konjugi Spiteri

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fl-4 ta’ Lulju 2008, li jaqra hekk :-

‘Peress illi l-konvenuti ghandhom jaghtu lill-atturi s-somma ta’ elfejn mitejn u erbgha u disghin Euro u tlieta u erbghin euro centezmi (€2,294.43) pari ghal disa’ mija u hamsa u tmenin lira tal-munit antika (Lm985), u dana in kwantu elfejn mitejn u tlieta u sittin euro u ghoxrin euro centezmi (€2,263.20) pari ghal disa’ mija u sittin lira tal-munita antika (Lm960) minnhom, rapprezentanti xoghol u spejjez fuq sitt (6) bibien li l-attur Joseph Curmi wettaq fuq inkarigu tal-istess konvenuti, kif ukoll tmienja u hamsin euro u tlieta u ghoxrin euro centezmi (€58.23) pari ghal

hamsa u ghoxrin lira tal-munita antika (Lm25) rapprezentanti bilanc fuq xogholijiet u spejjez ta' xkaffef fil-hanut fi Triq San Gorg, Rabat, Ghawdex, li l-attur Joseph Curmi wettaq fuq inkarigu tal-istess konvenuti, kollox kif indikat fuq Dok.A hawn anness ;

Jghidu ghalhekk l-istess konvenuti l-ghaliex m'ghandux dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi l-ammont ta' elfejn mitejn u erbgha u disghin Euro u tlieta u erbghin euro centezmi (€2,294.43) fuq imsemmi jew ammont iehor verjuri li jigi likwidat minn dan it-Tribunal, bl-interessi skond il-ligi mid-data tal-konsenja, u cioe' mid-dsatax (19) ta' Marzu tas-sena 2004 sad-data tal-pagament effettiv ;

Bl-ispejjez kontra l-istess konvenuti, kompriz dawk tal-ittri ufficjali bin-numru 128/2005, 195/2005, 939/2005, 83/2007 ;

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni li ghalija minn issa huma ngunti.' ;

Il-konvenuti permezz tar-risposta taghhom ipprezentata fid-29 ta' Awwissu 2008, eccepew :-

' It-talbiet attrici huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt ghaliex fl-ewwel lok, l-atturi ghadhom ma wettqux ix-xogholijiet illi huma kienu gew ordnati sabiex iwettqu skond is-sentenza moghtija mit-Tribunal ghal-Talbiet tal-Konsumatur fl-atti tal-kawza : Anthony Spiteri et vs Joseph Curmi et, CCT605, fl-24 ta' Jannar 2008. Ghalhekk it-talbiet tal-atturi mhux biss huma ntempestivi ; imma japplika kontra taghhom il-principju illi jekk huma ma jkunux wettqu l-obbligi kuntrattwali taghhom, daqstant iehor ma jistghux jippretendu illi haddiehor jonora l-obbligazzjonijiet tieghu fil-konfront taghhom : *inademplendi non est adimplendum* ;

Fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-atturi baqghu u ghadhom sallum qatt ma taw kont veru u proprju dettaljat kif trid il-ligi tal-ammonti illi huma qeghdin jitolbu minghand l-esponenti ;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt ;

Bl-ispejjez.' ;

Sama' l-provi ;

Ra l-atti kollha tal-kawza, u d-dokumenti esibiti ;

Ra wkoll l-atti tal-kaz numru CCT/G6/05, li kien hemm bejn l-istess partijiet, fl-ismijiet : Anthony u Maria Spiteri vs Joseph u Josephine Curmi, deciz mit-Tribunal Ghal Talbiet Tal-Konsumatur fl-24 ta' Jannar 2008 ;

Zamm ukoll access fl-14 ta' Jannar 2010, fil-fond proprjeta' tal-konvenuti 'Saphire', Triq Ghajn Lukin, Xaghra, Ghawdex, fejn kienu twahhlu l-bibien li saru mill-attur ;

Ra li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza ;

Ikkunsidra :

Illi din hija kawza ghall-hlas ta' xoghol imwettaq b'appalt li l-attur jghid li gie mqabbad jaghmel mill-konvenuti. Il-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti :-

(i) L-ewwel xoghol li kien gie ordnat mill-konvenuti lill-attur kien ta' xi xkaffar ghall-hanut taghhom u ghal dan ix-xoghol l-atturi qeghdin jitolbu l-bilanc ta' €58.23 ;

(ii) Imbaghad gew ordnati s-sitt bibien tad-divizjoni ghad-dar taghhom u ghal dan ix-xoghol l-atturi qeghdin jitolbu l-hlas ta' €2236.20. L-ordni tal-bibien saret f'Marzu 2004 ;

(iii) Dwar il-prezz ghal kull bieb m'hemmx qbil bejn il-partijiet. Skond l-attur il-prezz ta' dawn il-bibien kien ta' mija u sittin lira Maltin (Lm160) –il wiehed, illum ekwivalenti ghal tliet mija u tnejn u sebghin Euro u

sebghin centezmi (€372.70). Mill-prezz miftiehem kellha tithallas is-somma ta' erbat mitt lira Maltin (Lm400), ekwivalenti ghal €931.75,  kif jitwahhlu l-bibien u l-kumplament wara li jkun tlesta x-xoghol kollu. Skond il-konvenuti  il-prezz ta' kull bieb kien ta' mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm125), ekwivalenti ghal mitejn u wiehed u disghin Euro u sbatax –il centezmi (€291.17) –il wiehed ;

(iv) Dawn il-bibien l-attur kellu jlestihom u jwahhalhom sal-bidu ta' Mejju 2004, kif fil-fatt sar, hlief ghal xi xoghol zghir li l-attur jirreferi ghalih bhala *finshing touches*, li kien baqa' ma sarx minhabba l-kwistjoni li kienet inqalghet bejn il-partijiet li wasslet l-ewwel biex gie stitwit il-kaz mill-konvenuti odjerni quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur, u mbaghad gew intavolati l-proceduri odjerni ;

(v) Il-kwistjonijiet bejn il-partijiet inqalghu billi x-xoghol fuq dawn il-bibien ma sarx skond l-arti u s-sengha, u l-konvenuti kienu rrifjutaw li jhallsuh taghhom ;

(vi) Il-kaz quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Tal-Konsumatur kien gie deciz fl-24 ta' Jannar 2008, u l-attur odjern kien gie  ordnat sabiex jirranga d-difetti riskonstrati fil-bibien skond l-arti w is-sengha u jekk ikun il-kaz anke' jissostitwixxi l-bibien ma' ohrajn godda, u kien gie ordnat sabiex iwahhal iz-zewg bibien illi kienu ghadhom ma gewx imwahhlin, u dan fi zmien xahar mid-data tad-decizjoni ;

(vii) Illi d-decizjoni moghtija mit-Tribunal Ghal Talbiet Tal-Konsumatur baqghetx ma gietx esegwita u minn dak ordnat kien baqa' ma sar xejn, u fl-4 ta' Lulju 2008, l-atturi pprocedew b'din il-kawza biex il-konvenuti odjerni jigu kkundannati li jhallsuhom xorta wahda l-prezz shih ta' dawn il-bibien, flimkien mal-bilanc tal-prezz tal-ixkaffar li l-attur kien hadmilhom ghall-hanut ;

(viii) Il-konvenuti ppretendew li l-attur kellu jissostitwixxi l-bibien kollha m'ohrajn godda billi dawk li twahhlu ma kienux qed jaccettawhom minhabba d-difetti li kien fihom, u l-attur kien gie avzat biex imur u jaqlaghhom.

Minn naha tieghu l-attur kien lest biss li jkompli x-xoghol li kien fadal li jsir, u fi kliemu stess '*sabiex it-trufijiet li kien baqa' ghar-rigward ix-xogholijiet kollha fuq l-istess bibien jitlestew biex b'hekk ma jkunx hemm aktar skuzi u jien inkun nista' nithallas.*' (affidavit dokument JC) ;

Il-konvenuti qeghdin jeccepixxu fost hwejjeg ohra l-intempestivita' tal-azzjoni attrici billi l-atturi ghadhom ma wettqux ix-xogholijiet illi huma kienu gew ordnati sabiex iwettqu bid-decizjoni tal-Arbitru tal-24 ta' Jannar 2008, fil-kaz li l-istess konvenuti kienu ressqu quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur ;

Jirrizulta mill-atti li x-xoghol rimedjali ordnat bis-sentenza tat-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur fil-fatt baqa' ma sar xejn minnu. Mhux talli hekk, izda talli l-attur beda jikkontendi li l-bibien li gew murija lil dan it-Tribunal waqt l-access li zamm fil-fond tal-konvenuti fl-14 ta' Jannar 2010, ma kienux l-istess bibien li kien hadem u wahhal hu fil-fond tal-konvenuti, u lanqas kienu l-bibien li kienu gew murija lill-Arbitru meta it-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur kien zamm access ukoll fil-fond tal-konvenuti odjerni fil-proceduri li kien hemm quddiem dak it-Tribunal. Din il-verzjoni tal-attur tinsab kontradetta mhux biss mill-konvenuta Maria Spiteri, izda wkoll mill-Avukat Dottor Carmelo Galea, li kien l-avukat li assista lill-konvenuti konjugi Spiteri fil-kawza li kienu ghamlu kontra l-atturi odjerni quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur, u wkoll minn June Thompkins, li tikri d-dar minghand il-konvenuti, u li kienet dahhlet tghix f'dan il-fond minn qabel ma kienu twahhlu l-bibien mill-atturi. Fejn il-verzjonijiet provvduti mill-partijiet huma dijametrikalment opposti ghal xulxin, jinsab deciz li 'mhux kwalunkwe' tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' l-in dubio pro reo. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soggett ghall-izbalji tal-percezzjonijiet tieghu u ghall-passjoni, huma haga li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghaliha .... .... Meta l-kaz ikun hekk, il-Qorti m'ghandhiex taqa' comb fuq l-iskappatoja tad-dubju, imma ghandha tezamina bl-akbar reqqa jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-

kredibilita’ u specjalment dwar il-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke’ fuq il-bilanc tal-probabilita’ u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f’kawza civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant .... .... . Anzi’, f’kazijiet bhal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn verzjoni u ohra, aktar tidher il-possibilita’ tal-qerq da parti ta’ xi wiehed mill-kontendenti.’ [Prim’Awla, Qorti Civili, **Carmelo Farrugia vs Rokku Farrugia**, deciza fl-24 ta’ Novembru 1966, per Imhallef Maurice Caruana Curran]. Inghad li ‘fi kwistjoni ta’ kredibilita’ u apprezzament ta’ provi il-kriterju ma huwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni imma jekk l-ispjegazzjoni hiex possibbli u minn awl id-dinja fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja.’ [Appell Sede Inferjuri, **Joseph Borg et vs Joseph Bartolo**, 25 ta’ Gunju 1980]. Inghad ukoll li : ‘Fil-kamp civili, il-gudikant ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet.’ (**Eucaristico Zammit vs Eustrachio Petrococchin**o, Appell Kummerc, 25 ta’ Frar 1952; **Paul Vassallo vs Carmelo Pace**, Appell Civili, 5 ta’ Marzu 1986). U ‘meta l-verzjonijiet taz-zewg partijiet fil-kawza t-tnejn huma kredibbili u verosimili, l-Qorti ma tistax tiddecidi favur l-attur, jekk ma jkunx hemm prova sufficjenti fuq bilanc tal-probabilitajiet favur l-istess attur. Fi kwistjoni ta’ kredibilita` u apprezzament ta’ provi, il-kriterju mhux jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni, imma jekk dik l-ispjegazzjoni hiex probabbli u minn lewn id-dinja fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja. Hafna drabi, bhala provi spiss jassumu rilevanza determinanti certu provi cirkostanzjali, materjali u fattwali li jaghtu piz korroborattiv lil verzjoni u mhux lil ohra, u li allura jirrendu verzjoni aktar kredibbli u attendibbli mill-ohra. Elementi ta’ prova dawn, li proprju ghaliex newtri, oggettivi u mill-fonti indipendenti, spiss iwasslu l-gudikant biex jirrisolvi l-vertenza indipendentement mill-verzjonijiet konfliggenti tal-partijiet f’kazijiet fejn dawn ikunu mtappna jew minn interess jew mill-impressjonijiet zbaljati u konfuzi ta’ kif ikunu sehhu l-affarijiet.’ [Qoti tal-Appell, **Saviour**

**Cremona et vs Anthony Cassar et**, deciza fit-23 ta' Settembru 2009] ;

Dan it-Tribunal fela bir-reqqa l-provi kollha wara li kellu l-opportunita' li jisma' x-xhieda kollha viva voce u kien f'pozizzjoni li jifli l-komportament ta' kull xhud, u m'ghandux assolutament ghalfejn jindubita, anzi' huwa tal-ferma konvinzjoni li l-bibien oggett fil-kawza huma l-istess bibien li hadem l-attur, li wahhal l-attur fil-fond tal-konvenuti, u l-istess bibien li kienu l-oggett tal-kawza li kien hemm quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur ;

Illi, fost il-principji stabiliti fil-qasam tal-kuntratt tal-appalt, wiehed isib dak li jghid li appaltatur m'huwiex mehlus mir-responsabbilta' tar-rabta tieghu biex iwettaq l-obbligazzjoni li ntrabat li jaghmel, ukoll jekk ikun hemm approvazzjoni tax-xoghol, l-izjed fejn in-nuqqasijiet li johorgu ma jkunux jidhru mill-ewwel jew ma jistax jintebah bihom wiehed li ma jkunx midhla tal-qasam. Minbarra dan, l-appaltatur ghandu jwettaq ix-xoghol li tqabbad jaghmel b'mod li jrid jizgura li dan isir sewwa u jkun tajjeb ghall-ghan li ghalih intalab. Jekk appaltatur ma jkunx cert li x-xoghol li sejjer jaghmel se jkun tajjeb ghar-raguni li ghaliha ntalab, imissu ma jaccettax li jaghmlu : fin-nuqqas, irid iwiegeb ghal kull nuqqas li johrog 'il quddiem mhux ghal ragunijiet attribwibbli lill-appaltant. Kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha fil-kawza **Brownrigg noe vs Spiteri**, deciza fis-27 ta' Gunju, 2003, l-appaltatur ma huwiex mehlus mir-responsabilita' avolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol. Il-verifika u l-approvazzjoni generalment isiru ghall-finijiet tal-hlas, izda b'daqshekk ma jigix ezonorat mir-responsabilita' jekk *nonostante* kontroll diligenti fil-mument tal-verifika, 'l quddiem jinstab li x-xoghol ma sarx sew. Jekk id-difetti jkunu ta'certa gravita' l-kommittent ikollu d-dritt jopponi l-*exceptio non rite adempleti contractus* ghad-domanda li ssirlu ghall-hlas; jekk min-naha l-ohra d-difetti ma jkunux sostanzjali jew essenzjali, l-appaltatur ikollu d-dritt li jitlob li dawk id-difetti jigu riparati jew jaccetta riduzzjoni. U jekk appaltatur jaf li m'huwiex tas-sengha fix-xoghol minnu mitlub jew m'ghandux esperjenza bizzejjed, imissu mill-

ewwel jirrifjuta li jidhol ghal dik il-bicca xoghol [Appell Kummercjali, **Blackman vs Farrugia et noe**, 27.03.1972] , u jibqa' responsabbli ghal kull nuqqas ukoll jekk dahal ghax-xoghol fuq insistenza tal-appaltant, jew bil-mod dettat minn dan [Kollez. Vol.XLII.ii.1003] ;

Illi jekk wiehed issa japplika dawn il-principji ghall-fatti li johorgu mill-kaz tallum, wiehed isib li l-attur naqas b'mod sinjifikanti milli jwettaq l-appalt moghti lilu. Jirrizulta li d-difetti fix-xoghol tal-bibien esegwit mill-atturi huma sostanzjali u ta' certa gravita'. Dan it-Tribunal kellu l-opportunita' li jara dawn il-bibien, u jistqarr minghajr ezitazzjoni li m'hemmx ghalfejn wiehed ikun ta' xi sengha partikolari jew intiz wisq fix-xoghol ta' matsrudaxxa biex wiehed iqis anke' mad-daqqa t'ghajn, li x-xoghol tal-bibien li sar mill-attur huwa –l boghod minn kull arti u s-sengha. Dan qed jinghad mhux a rigward il-qisien taghhom, izda a rigward il-kwalita' tax-xoghol li sar fuq dawn il-bibien. Il-fehma shiha tal-Perit Tekniku mahtur minn dan it-Tribunal ma thalli l-ebda dubju li l-ilmenti tal-konvenuti huma misthoqqa u jolqtu kull bieb li gie ikkonsenjat lilhom mill-atturi. Il-konkluzjoni tal-Perit Tekniku hija cara li '*biex dawn il-bibien jigu rrangati, iridu jigu zarmati u jigu muntati mill-gdid skont il-qisien tal-koxxox tal-hajt, jigu mahduma skont is-sengha u l-arti, ma jintuzax stokk fejn mhux suppost, u cappetti, strikers, u locks jigu ffitjati minghajr l-uzu ta' stokk madwarhom. Il-finishing irid ikun aktar lixx u rfinut*'. Mhux talli x-xoghol ma giex esegwit sewwa, izda talli mill-provi rrizulta li l-atturi baqghu m'ghamlux sallum dak li kien gie ordnat lilhom mit-Tribunbal Ghal Talbiet Tal-Konsumatur bid-decizjoni tal-24 ta' Jannar 2008, u l-konvenuti kienu ghalhekk gustifikati li ma jhallsux. Inghad li 'hija ntempestiva l-azzjoni ghall-hlas ta' appalt meta x-xoghol fuq dak l-appalt ma jkunx gie esegwit sewwa.' [Prim'Awla, **Alfred Calleja vs Victor Cavallo**, 14.02.1963, Kollez. Vol. XLVII.ii.650] ;

Anke' a rigward is-somma ta' tmienja u hamsin Euro u tlieta u ghoxrin centezmi (€58.23) li l-atturi qed jippretendu minghand il-konvenuti fi hlas ta' bilanc tal-prezz ta' zewg units u *corner* li kienu gew ordnati mill-konvenuti ghall-hanut taghhom, jirrizulta mill-atti li l-unika riferenza li saret

ghal dan ix-xoghol kien biss fil-kontro-ezami tal-konvenuta Maria Spiteri, liema xoghol minn din ix-xhieda, li bl-ebda mod ma giet kontradetta, jirrizulta li lanqas ghadu sar u gie konsenjat kollu lill-konvenuti. Jinsab deciz  ukoll li ‘jekk ix-xoghol li jifforma l-oggett ta’ l-appalt ma jkunx kollu lest, jew ma jkunx kollu esegwit skond is-sengha, l-appaltatur mhux intitolat jippretendi l-hlas tal-prezz stipulat in konsiderazzjoni ta’ dak ix-xoghol, ghax meta x-xoghol li ghalih gie pattwit prezz determinat ma jkunx kollu lest, l-appaltatur ma jistax jitlob il-hlas, la kollu u lanqas parti minnu.’ [Prim’Awla, **Antonio Pisani vs Carmelo Debattista**”, 08.05.1958, Kollez. Vol. XLII.ii.1003] ;

Ghall-motivi premessi dan it-Tribunal qed jaqta’ u jiddeciedi l-kawza billi  jilqa’ l-eccezzjoni tal-konvenuti dwar l-intempestivita’ tal-azzjoni, u jiddikjara t-talba tal-atturi bhala ntempestiva, u konsegwentement jillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------